MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR GHAWDEX

## GUDIKATUR DR. MERCIECA GRAZIO

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 107/2002

**Ignatius u Maria konjugi Pace**

**vs**

**Francis Xuereb**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba;

Ra r-risposta;

F’dan il-kaz, l-attur kien hiereg mit-triq laterali ta’ ‘T-Junction’ ghal Triq Ta’ Lambert li taghti mill-heliport tax-Xewkija, Ghawdex ghal Imgarr Road, filwaqt li l-konvenut kien ghaddej fl-istess Triq Ta’ Lambert mid-direzzjoni tal-heliport lejn id-direzzjoni ta’ Imgarr Road meta sehhet il-habta.

It-‘T-Junction’ pero’ hija rregolari ghall-ahhar kif jidher mill-iskizz esibit a fol 17 tal-process.

Kemm it-triq li kien hiereg minnha l-attur kif ukoll it-Triq ta' Lambert huma toroq fil-kampanja u tabilhaqq huwa minnu - sa certu punt - dak li jasserixxi l-istess attur li biex seta' johrog ghat-Triq Ta' Lambert kellu bilfors biex jesplora ahjar it-triq, johrog izjed 'il barra mill-hajt biex ikun jista' jdur. It-Tribunal qieghed jghid "sa certu punt" ghax biex jesplora t-Triq ta' Lambert ma kellux ghalfejn johrog 'il barra daqs kemm hareg.

L-attur jghid li huwa lahaq dar ghal kollox fi Triq Ta' Lambert meta sehhet il-kollizjoni. A tempo vergine, lis-Surgent Anton Schembri qallu *ma rajt lil hadd u bdejt indur* . Din il-verzjoni hija iktar preciza u konformi ma' dak li juri l-iskizz.

L-attur *a tempo vergine* ma qalx li daqq il-horn, haga li messu ghamel huwa u hiereg minn triq laterali f'T-Junction, li *ex admissis* min johrog minnha ma kellux viswali fit-tul. Kif inhu maghruf minn kulhadd, l-attenzjoni li jrid izomm wiehed li hiereg minn triq laterali hija ferm oghla minn dak li jkun ghaddej fi triq principali.

Il-konvenut halla 13.7 metri u 9 metri brake-marks. Dan jindika li kien ghaddej b'mhux iktar minn 50 kilometru fis-siegha li zgur huwa speed inferjuri ghall-massimu regolamentari. Difatti jidher li sewwa qal a tempo vergine li kien ghaddej b'velocita ta' 40 kilometru fis-siegha. Jekk wiehed jiehu l-medja taz-zewg brake-marks, a bazi tat-tabella ta' paragrafu 281 tal-Kodici Ghat-Traffiku fit-Triq jirrizulta li l-konvenut kellu Distanza generali biex jieqaf (overall stopping distance) ta' circa 18-il metru. Fix-xhieda tieghu, il-konvenut qal li lemah lill-attur minn xi tletin pied boghod, u dan huwa wkoll vicin id-distanza ta' 18-il metru kalkolata kif gia spjegat.

Mill-brake-marks indikati fl-iskizz jirrizulta li l-konvenut kien miexi fuq in-naha tal-lemin ta' Triq Ta' Lambert u li meta applika l-brejk kiser lejn ix-xellug tieghu biex jevita l-habta. Li kiser lejn ix-xellug jikkonfermah l-istess konvenut fix-xhieda tieghu. Ghalhekk il-konvenut ikkontribwixxa wkoll ghall-incident billi kieku kien qieghed isuq fuq ix-xellug, il-

habta probabilment ma kinitx issehh. Di piu', ghalkemm kien qieghed isuq bi speed entro l-limiti regolamentari, dawn il-limiti huma **l-massimu** u, kif inhu ben not, f'toroq fil-kampanja u hdejn l-inkrocji, anke l-*main road user* irid joqghod attent *for the folly of others* (Lord Denning). Il-konvenut xehed li jaf sewwa it-toroq fejn saret il-habta, u ghalhekk messu qaghad iktar attent ghax seta' iktar jipprevedi x'seta jigri jekk tohrog vettura mit-triq laterali.

B'danakollu, tenuti c-cirkostanzi kollha tal-kaz, ir-responsabilita' ghall-incident hija ferm ikbar ghall-attur milli ghall-konvenut, u t-Tribunal qieghed jaqsam ir-responsabilita' ghall-incident 4/5 lill-attur u 1/5 lill-konvenut.

Dwar il-*quantum*: irrizulta li l-vettura tal-attur kienet tiswa' LM800 u li wara l-incident saret tiswa' bejn LM50 u LM75. Ghalhekk il-hsara kienet ta' circa LM725.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara li l-incident sehh kwantu ghal 4/5 tort tal-attur u 1/5 tort tal-konvenut u konsegwentement jilqa' t-talba tal-attur b'mod limitat billi jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' LM145, bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-hlas effettiv. Spejjez tal-istanti jinqasmu skond il-proporzjon tat-tort u cioe' 4/5 mill-attur u 1/5 mill-konvenut.

(ft) Grazio Mercieca
Gudikatur
(ft) M'Jane Attard
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur